MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2007

Numru 429/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp Jesmond Borg)**

**versus**

**Joseph Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Schembri ta' 42 sena iben Anthony u Antonia nee Casar imwieled Pieta fit-23 ta' Ġunju 1960 u joqgħod fil-fond 'La Pergola' Triq Tal-Barrani TArxien, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0435060(M).

Akkużat talli nhar it-30 ta' Dicembru 2002 għall-ħabta tal-12.15pm, kkawża ħsarat volontarji fil-propjeta' St. Rita Service Station li jeccedu l-LM200 għad-ddannu ta' Philip

u Jane Gatt u persuni oħra minn Ħal Tarxien u dana bi ksur ta' l-Artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli fit-tali data, lok u ħin kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa kif ccertifikat minn Dr. Micheal A Borg MD fuq martu Rita Schembri u dana bi ksur ta' l-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin u lok, kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq Philip Gatt, kif ccertifikat minn Dr. Ray Fenech u dana bi ksur ta' l-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet sabiex barra li tagħti l-piena stabbilita bil-liġi, tapplika ukoll l-artikolu 383, 38/4 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' din il-persuna hawn fuq indikata.

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 4350 tan-1960, il-fedina penali tiegħu li tinsab a fol 3, 4 u 5, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji bid-data tat-22 ta' Mejju 2003 a fol 6, id-dokument JB2 li saret talba minn Dr. Peter Borg Costanzi lill-ispettur ta' l-għassa tar-Raħal il-Ġdid fejn kien talab illi l-imputat Joseph Schembri peress li kien kkawża ħsarat li jitilgħu għal LM232.45 kien ta' lok għal claim ta' l-aġenzija ta' l-assigurazzjoni Gasan Mamo Insurance; l-ittra datata 30 ta' Diċembru 2002 li tidher li hija ffirmata minn Janie Gatt u Rita Schembri li turi illi Gasan Mamo Insurance Agency Limited kienet tat is-somma ta' LM232.45 lill-persuni li isimhom jidher imniżżel a fol 8; il-kwerela magħmula minn Rita Schembri u mill-ġenituri tagħha Philip u Jane Gatt sabiex l-ispettur ta' l-għassa tar-Raħal il-Ġdid jipproċedi kontra Joseph Schembri a fol 9, Dok JB3; il-kwotazzjoni magħmula minn Simon Aluminium dwar il-ħġieġ b'total ta' LM159 bil-VAT b'kollox; il-lista ta' l-affarijiet li sofrew ħsarat nhar it-30 ta' Diċembru 2002 għall-ħabta tal-kwarta b'total ta' LM108.61; iċ-ċertifikat magħmul minn Dr. Michael A Borg fuq Rita Schembri a fol 20 li jindika haematoma, scratch marks u abrasions on the right and the left hand, iċ-ċertifikat rilaxxjat minn Dr. Ray Fenech

MD, fol 15 Dok JB5 dwar is-Sur Philip Gatt inkluż ritratt li fih jingħad illi s-Sur Philip Gatt kellu xokk qawwi u laceration zgħira fin-naħa ta' wara ta' rasu; iċ-ċertifikat rilaxxjat minn Dr. Michael A Borg a fol 15 dwar Charlton Schembri li kien eżaminat mill-istess tabib u li jidher illi l-injury hija ta' slight nature u aktarx illi kien intlaqat f'wiċċu xi siegħa qabel ma invistah dan it-tabib; id-dikjarazzjoni ta' l-imputat a fol 16 li mhux ħati u l-kunsens tiegħu li dawn il-proċeduri jkunu sommarji; ir-rapport mmarkat CE a fol 21 magħmul minn Rita Schembri fl-għassa tal-pulizija dwar l-inċident li seħħ fit-30 ta' Diċembru 2002 a fol 21 u 22; id-dokument mmarkat AF f'page 45 dwar claim number N034003 li fiha jidher illi s-Sur Joseph Schembri kien ħallas LM260 lil Gasan Mamo Insurance; ir-ritratti mmarkati fid-dokument PG a fol 56; il-verbal tat-3 ta' Frar 2004 fejn il-prosekuzzjoni tablet li jiżdiedu tliet kelmiet 'u persuni oħra' fl-ewwel imputazzjoni; liema korrezzjoni l-Qorti awtorizzat u d-difiża tat ruħha notifikata b'din iż-żieda, fol 73.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

<u>Il-fatti fil-qosor.</u>

Fit-30 ta' Diċembru tas-sena 2002, il-pulizija kienet rċeviet telefonata mingħand Rita Schembri mart l-imputat illi r-raġel tagħha kien daħal fil-petrol station u kien qed jaqla' l-inkwiet. Il-pulizija sabet lil Joseph Schembri l-imputat fil-petrol station jibki. Talbitu biex joħroġ u obda l-ordnijiet mill-ewwel. Il-pulizija nnutat illi l-vetrina tal-petrol station kienet imkissra u kien hemm xi ħsarat fil-ħanut. L-imputat għandu ħanut ta' l-spare parts bi swit il-pompa tal-petrol.

Is-sinjura Rita Schembri lil PS 1258 Conrad Ellul qaltlu li filgħodu kien mar it-tifel tagħha Charlton u kienet ratlu xi

marki fuq wiċċu. It-tifel kien qal li kienet daqqa illi tah missieru Joseph. L–imputat kien qal li ibnu ma kienx obdieh. Rita Schembri marret l-għassa u baqgħet sejra il-polyclinic tar-Raħal il-Ġdid biex ġġib ċertifikat mediku. Iżda t-tabib ma kienx ċċertifika jekk l-injury kinitx slight jew le u għal hekk marret għand it-tabib tal-familja Dr. Michael Borg biex jeżamina lit-tifel Charlton. Meta marret fil-petrol station, Joseph Schembri daħal fil-pompa tal-petrol u ried jieħu lit-tifel miegħu. Ma kien hemm ebda ordni min-naħa tal-Qorti sabiex l-imputat jagħmel dan skond ma kienet mgħarrfa Rita Schembri mill-Hotline 179. Għaldaqstant rrifjutat li tagħti t-tifel lill-imputat. Hawn hekk il-qiegħda saħnet sew u daħlu wkoll il-ġenituri ta' Rita Schembri fin-nofs. Skond Rita Schembri l-imputat qabad landa tal-plastic u garaha fid-direzzjoni tad-display window tal-petrol station. Wara dan qamet ġlieda.

Rita Schembri stqarret li kemm missierha u kif wkoll hi kienu sofrew xi ġriehi ta' natura ħafifa. PS 1257 Conrad Ellul talab lil Rita Schembri biex tippreżenta stima tal-ħsarat li saru kif wkoll iċ-ċertfikati mediċi. Dawn huma ppreżentati fl-atti.

Meta PS 1257 kellem lill-imputat dan qallu li kien ta daqqa ta' ħarta lil ibnu minħabba li kien rrispondieh b'mod arroganti. L-imputat qal li Philip Gatt, missier il-mara tiegħu, ma riedx jħallieħ jara lit-tifel u dan Philip Gatt beda jimbotta lill-imputat. L-imputat qal li tilef it-tempra, qabad landa taż-żejt u garaha fid-direzzjoni tal-vetrina tal-petrol station. Huwa allega wkoll li l-mara tiegħu u ommha Jane Gatt qabdu biċtejn injama u bdew jagħtuh biha.

Rita Schembri reġgħet marret l-għassa tar-Raħal il-Ġdid wara l-inċident li kien inqala'. U kien it-tabib tagħha Dr. Michael Borg li kien ċċertifika li t-tifel Charlton kien sofra ġrieħi ta' natura ħafifa. Fil-ġimgħat ta' wara Rita Schembri pproduciet l-istimi tal-ħsarat waqt li l-pulizija rċevew mingħand l-insurance talba dwar il-ħsarat li kienu seħħew fid-display window. Simon Aluminium kien ħareġ stima li ġiet riprodotta fl-atti wkoll. Għal mistoqsijiet mid-difiża a fol 31 jekk il-verżjoni li ta l-imputat kienitx kkonfermata mill-istħarriġ, il-prosekutur wieġeb li iva ġiet kkonfermata.

Il-proskutur wieġeb wkoll li ma kienet elevati ebda injama u Joseph Schembri ma kien ppreżenta ebda ċertifikati mediċi. Id-difiża baqgħet tistaqsi lill-prosekutur jekk kintix saret kwerela da parti ta' Joseph Schembri dwar l-inċident iżda li dan kien irtira. Il-prosekuzzjoni a fol 35 qalet 'jidhirli li kienet saret kwerela.' Iżda l-prosekuzzjoni ma tantx setgħet titfa dawl iktar fuq il-kwistjoni minħabba li kwistjonijiet bħal dawn kienu jispiċċaw quddiem Maġistrat ieħor.

Xehed ukoll PS 1257 Conrad Ellul li qal wkoll li fit-30 ta' Diċembru 2002 kien mar f'Santa Rita Petrol Station Triq il-Barrani biex jara xi nkwiet kien inqala'. Malli daħal sab raġel jagħti fuq wiċċu u jgħid li jrid jara lit-tifel. Dan kien missier it-tifel. Huwa ra li kien hemm vetrina li kellha l-ħġieġa imkissra u kien hemm xi ilma imxerred ma l-art ukoll. Il-missier kkonferma ma PS 1257 li vera kien sawwat lit-tifel għaliex dan kien rrispondieh b'mod arroganti, fol 40. Dan kien qallu li omm u missier il-mara kienu marru jagħtuh b'injama, fol 41. Qal ukoll li ra xi laned taż-żejt u kien hemm xi ilma tal-fliexken li ma kienx jaf jekk hux tal-battries jew li jitfgħu fir-radiators, imxerred ma l-art. Mistoqsi mill-Qorti jekk rax xi ħaġa fuq wiċċ Joseph Schembri, dan ix-xhud qal le. Fuq ras missier il-mara ta' l-imputat huwa kien ra xi ferita.

Xehed Philip Gatt fis-6 ta' Ottubru 2003. Dan qal li l-inkwiet kollu beda minħabba illi t-tifel Charlton kien qala' xi daqqa mingħand missieru. F'mument minnhom huwa ra lill-imputat jaqbad xagħar bintu jiġifieri Rita Schembri u jħabbatha ma bank u jagħtiha bil-ponn ġo rasha. Ix-xhud talab lill-imputat jitlaq 'l barra, page 48. L-imputat beda jkisser u jfarrak dak li kien hemm fis-showroom u n-nies ħarġu 'l barra. Ħareġ wkoll l-imputat pero reġa daħal u beda jwaddab l-affarijiet u jwaddabhom. Dr. Ray Fenech kien għamillu ċertifikat ta' fejn kienet id-daqqa li kien qala bil-bieba ġewwa rasu, qed jirreferi għal Dok JB5 u r-ritratt mehmuż miegħu. L-oħrajn kienu r-ritratti tal-bieba. Ix-xhud qal illi l-ħsarat kienu jammontaw għal LM276 mingħalih. Huma kienu għaddew kollox mingħajr il-VAT għaliex l-insurance ma tagħtix il-VAT. Huwa qal li l-flus kien ħadhom mingħand Gasan Mamo Insurance.

Mistoqsi mid-difiża jekk it-tifel Charlton kienx qed jitħalla jmur għand missieru, ix-xhud qal x'ħin irid. Fil-fatt qal li din il-ġimgħa jiġifieri meta kien qed jixhed, it-tifel tela' għand l-imputat. Ix-xhud qal li t-tifel jkun għandu għal ħafna ħin. Ix-xhud qal li jkun għand it-tifla għaliex it-tifla toqgħod ġol-pompa tal-petrol max-xhud stess. Huwa kkonferma, għall-mistoqsija tad-difiża fol 53 li kellu ġerħa b'daqqa ta' bieba f'rasu. Damet biex fieqet 15-il jum. Fuq mistoqsija mid-difiża jekk kienx lest li jaħfer lill-imputat, huwa qal 'lis-sinjur naħfirlu, pero mhux li naħfirlu jiena. Ifhimni, din kienet it-tielet darba' (fol 54). Kompla jżid jgħid li kienet saret wkoll obbligazzjoni biex ma jkunx mmolestat mill-imputat quddiem Maġistrat ieħor. Fil-fatt a fol 55 hu ried li din il-kawża titkompla.

Xehdet Rita Schembri illi qalet li fil-ġurnata ta' l-inċident kien mar it-tifel jgħajjat b'idu ma wiċċu. Hu qal li kien tah daqqa fuq wiċċu l-imputat. Kien hemm marka ta' ħamest iswaba. Wara li ħadet parir mingħand ta' l-Appoġġ, kienet qalet lill-imputat li t-tifel jista jinsieh. Dak il-ħin ħatafha minn rasha u beda jipponta biex jsabbatha max-xifer ta' l-aluminium. Huwa beda jagħtiha bil-ponn. Imbgħad beda jaqbad l-affarijiet li kien hemm bħal bottijiet u jwaddabhom għal gos-showcase u jkisser u jgħajjat 'ħalluni ħa nkisser.' Qabad il-bieba ta' l-aluminium u beda jxejjirha u laqat lil missierha u ħadu kemm kemm fuq il-qargħa ta' rasu. Omm ix-xhud daħlet biex tipprova teħodlu l-bieba iżda hu qalibha ma l-art. Fl-aħħar ix-xhud ħaditlu l-bieba minn idejh lill-imputat u ħaditlu t-tifel. It-tifla ħarġet u bdiet tgħid lin-nies ser joqtol lil ommi. Din kellha xi kuħħaliet fuq rasha. It-tabib qallha dawk ma huma xejn. It-tabib Dr. Michael Borg kien taha xi silġ għalihom u qallha dawk jinżlu normali. Hija kkonfermat il-ġrieħi li kien sofra missierha meta kienet murija Dok JB5, fol 63. Mistoqsija min-naħa tad-difiża hija qalet li l-imputat kellu aċċess liberu għat-tifel, fol 64. Kien hemm żmien meta l-aċċess kien wieħed taħt supervizjoni iżda dak inbidel.

Imbgħad xehdet wkoll Gianella Schembri a fol 67 u qalet li ommha ma riditx tagħti lit-tifel Charlton lura lil missieru għax kienet ċemplet il-helpline u qalulha biex ma tagħtihulux la refa' idejh fuqu. Hija semgħet lin-nannu

jgħid lill-imputat biex jħalli lil ommha għalliex kien qabadha minn rasha u beda jagħtiha. Dan ġara fil-pompa stess fil-kamra fejn isir il-bejgħ. L-imputat qabad il-fliexken u beda jkisser il-vetrini tal-ħġieġ. Qal imbgħad inħallas jiena. Qabad bieba żgħira jgħollieha u beda jxejjirha u laqat lin-nannu f'rasu. Lill-mama beda jagħtiha bil-ponn ġo rasha.

Xehdet Jane Gatt, omm Rita Schembri u din qalet illi rat lit-tifel Charlton b'ħamest iswaba fuq wiċċu. Huwa qabad jagħti lit-tifla u waddab ma l-art lix-xhud stess. Imbgħad qabad il-fliexken u beda jkisser il-vetrini. Hija kienet tħallset tal-ħsara. F'dan l-inċident, lir-raġel ratlu xi feriti.

Xehed John Galdes, senior manager ma Gasan & Mamo u qal li huma ħallsu l-claim ta' LM232.45. Bdew proċeduri biex jiġbru l-ammont mingħand Joseph Schembri. Imbgħad is-Sur Schembri mar ikellem lill-istess persuna u ħallas.

Xehed it-tabib Ray Fenech li kkonferma meta ra r-ritratt il-qasma li kellu f'rasu missier il-mara ta' l-imputat, jiġifieri Philip Gatt. Huwa qal li d-daqqa saret b'xi ħaġa blunt. Gatt kien b'xokk qawwi. Huwa qal li kien ra ħmura fuq wiċċ it-tifel illi setgħet ġiet minn xi daqqa. Dwar Rita Schembri din kellha tbenġila fuq ix-xellug ta' nagħsha u kellha xi grif fuq idejha t-tnejn. Dan kollu setaħ ġie minn xi ġlieda. Sakemm huwa ra lit-tifel jidher li l-ġlieda kienet għadha ma saritx għax fuq l-omm ma kien jidher xejn, fol 92.

Xehed l-imputat Joseph Schembri fejn qal li kien ħa lit-tifel mingħand in-nanna u t-tifel għamel xi ħmistax jgħix miegħu. Huwa kien jibgħatu wkoll għand in-nanna u n-nannu. It-tifel kien qabad il-Cornflakes u remieh ma l-art u qallu illi skond in-nannh ħadd ma jista' għat-tifel ħlief Alla. Lil missieru qallu ma tistax tkellimni. Huwa mar għand il-kunjatu u qallu, it-tifel huwa tiegħi pero dan qabad jimbotta lill-imputat, fol 104. Imbgħad ġiet il-kunjata u il-mara ta' l-imputat, qabdu zokk ta' injama u tawh daqqa ta' injama. Kienet il-mara tiegħu illi tagħtu din id-daqqa. Dak il-hin l-imputat qabad żewgt ifliexken ta' l-ilma u waddabhom. Huwa qal illi ma kien sawwat lil ħadd, lanqas lill-kunjatu

tiegħu. Kienet il-mara tiegħu li tagħtu daqqa ġo rasu. Huwa kien imbuttaha għax kienet ġiet b'injama u tagħtu b'injama. Huma kien għamel rapport fuq dak inhar fl-għassa. Fuq il-ħsarat huwa qal li kollox kien imħallas. Kien il-kunjatu li dejjem jaqla' l-inkwiet. Huwa ċaħad wkoll li kien ta xi daqqa lit-tifel fuq wiċċu. Huwa nnega li kien qabad ikisser u jgħdi li imbgħad ser iħallas. L-imputat qal li qatt ma qal dawk il-kliem, fol 107. Huwa nnega li kien ħebb għal Philip Gatt. Dwar il-ġerħa li sofra Philip, dan qal li għandu difett li jibbleedja ħafna iżda ma għandux kull darba li jaħbat ma xi mkien jeħel l-imputat. Huqa ħalef illi qatt ma kien miss lill-kunjatu tiegħu. Dwar it-tkissir huwa qal li kienu tawh b'injama, kellu flixkun ta' l-ilma f'idejh u x'ħin waddbu kisser il-ħġieġa. Il-bqija ma kisser xejn. Meta kienu ġew il-pulizija kien tellagħhom fuq u qallhom li t-tifel kien kuntent għandu. Huwa insista li d-daqqa li ta kienet bil-flixkun ta' l-ilma li kien tad-distilled water.

Xehed ukoll Saviour Dalli illi qal li l-imputat suppost kien jarahom darba jew darbtejn fil-ġimgħa lit-tfal. Imbgħad ma kienx jarahom ta' spiss. Dak inhar ta' l-inċident kien sab lil Joseph Schembri jokrob biex jieħu lit-tfal. Dan kien ra biċċa injama f'idejn Rita u pprova jaħtafielha biex ma jinqalax inkwiet. Hi bidet tobromielu minn idejh u bdiet tweġġgħu u telaq 'l barra. L-injama ma setgħax jeħodhielha. Dwar missier il-mara ta' l-imputat ma kienx jaf jekk kellux xi ħaġa, fol 123. Huwa kien sema' lil Joseph jgħajjat li jrid jara lit-tifel waqt illi Philip Gatt ma riedx jħallieh jagħmel dan. Fil-kontro ezami huwa qal li kien jaf li Rita Schembri kienet ħadet lit-tifel għand it-tabib imma ma kien jaf xejn iżjed. Fil-post kien dam minuti biss, fol 126. Huwa kien pprova jżomm lil Joseph Schembri milli jkompli jagħmel xi ħsara, fol 127. Mistoqsi mill-parte civile jekk jiftakarx li t-tifla kienet ċemplet lill-pulizija, huwa wieġeb, jista jkun, a fol 129. Huwa kien ra glalen maqlubin ta' l-ilma u jerrycans tal-plastic. Ma kienx ra ħġieġ imkisser. L-injama kienet twila xi tliet piedi. Ix-xhud għadu jaħdem ma Joseph Schembri.

Fit-trattazzjoni il-prosekuzzjoni qalet illi ma hemmx dubbju dwar il-ħsara li kienet saret waqt illi ċ-ċertifikati tat-tobba jitkellmu waħedhom.

Il-parte civile insistiet illi l-ħsara veru kienet tħallset iżda kienet saret fil-fatt. Lanqas wieħed ma għandu jaċċetta l-kliem li qal l-imputat dwar il-qagħda tar-ras Philip Gatt meta l-imputat qal, dan jingiref malajr. Din l-ispjegazzjoni mhix aċċettabbli.

Id-difiża qalet illi l-perċimes kien Philip Gatt il-kunjatu u lit-tifel l-imputat kien jħobbu. Spiċċa biex jekk nannuh ma jgħidlux li jista' jarah, il-missier ma setax jarah. Id-digriet kien ta lill-missier aċċess liberu li jara lit-tifel. Dwar id-daqqa din kienet sempliċiment magħmula b'korrezzjoni. Dan il-mument l-omm marret tiġri fl-għassa tal-pulizija u Philip Gatt kien qal li t-tifel qala' xebgħa minflok qal li kienet daqqa ta' ħarta biss. It-tifel ma kellu xejn skond it-tabib tal-polyclinic. It-tifel ried imur u kien nannuh illi sakkru. Jekk saru xi feriti bil-bieba, ma kienx hemm l-intenzjoni li dawn isiru. L-imputat sofra feriti wkoll izda ħafer. In-naħa l-oħra ma tridx taħfer. L-imputat wkoll kien ħallas tal-ħsara.

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

Dwar l-ewwel imputazzjoni, jiġifieri illi saret ħsara volontarja da parti ta' l-imputat, il-Qorti ma għandha ebda dubbju illi kien responsabbli tal-ħsara. Effettivament l-imputat ħallas LM260 lill-insurance kif jidher a fol 45 u din il-ħsara saret għad-dannu ta' Philip u Jane Gatt. Il-fatt li tħallset din il-ħsara mill-imputat stess, ma jfissirx illi r-reat ma sarx. Minħabba illi dawn il-ħsarat jaqgħu that it-325(1)(b), allura lanqas biss kien hemm bżonn il-kwerela tal-parti għalihom. Id-difiża ssottomettiet l-iskużanti minħabba dak li ġara iżda jekk wieħed jħares sew lejn dak illi tgħid il-liġi dwar l-iskużanti, issib illi ebda wieħed mis-subinċiżi (a), (b), (c), (d) ta' l-Artikolu 227 ma huwa applikabbli fil-każ għaliex l-imputat la kien qed isofri minn xi ġrieħi ta' natura serja, la kien qiegħed jikkumbatti xi serq ta' matul il-lejl, la kien dak il-bniedem taħt passjoni illi tkun ġustifikat li jagħmel hekk u dan minħabba l-limitazzjonijiet imposti fil-paragrafu (c) għaliex bniedem ta' temperament ordinarju ma jaġixxix b'dak il-mod u lanqas

kien qed jagħmel hekk in self defence. Għal hekk l-iskużanti miġjuba mid-difiża ma jidhirx fil-fehma ta' din il-Qorti illi hija ġustifikata. Fil-fatt l-imputat beda jgħid, 'ħalluni inkisser u imbgħad inħallas.'Ġlieda fuq kwistjoni tat-tifel għaliex kien qed jiġi prekluż li jarah minn Philip Gatt, ma kellhiex twassal għall-azzjoni meħuda mill-imputat li jkisser u jgħid 'ħalluni inkisser u imbgħad inħallas.' Huwa nnega li qal dawn il-kliem iżda fil-fehma tal-Qorti, il-verżjonijiet mogħtija minn xhieda oħrajn huma iktar ta' min joqgħod fuqhom. Għal hekk l-ewwel imputazzjoni kienet ppruvata sodisfaċentement lil hemm minn kull dubbju raġjonevoli mill-prosekuzzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni, din tgħid illi l-imputat għamel ġrieħi ta' natura ħafifa kif iċċertifikat minn Dr. Michael Borg fuq il-mara tiegħu Rita Schembri. Dwar din l-imputazzjoni, il-Qorti ma għandhiex dubbju illi l-ġrieħi ħfief kif deskritti mit-tabib u skond l-imputazzjoni stess saru mill-imputat. Kienu diversi x-xhieda illi rawh isawwat lill-mara tiegħu u jagħtiha anke bil-ponn. Għal hekk din l-imputazzjoni ġiet ppruvata wkoll min naħa tal-prosekuzzjoni.

It-tielet imputazzjoni, din kienet dwar ġrieħi ta' natura ħafifa fuq Philip Gatt kif iċċertifikat minn Dr. Ray Fenech. Iċ-ċertifikati jitkellmu waħedhom u dawn ġew wkoll ġuramentati mit-tobba fl-awla stess. Il-Qorti ma tistax temmen il-verżjoni li ta l-imputat illi l-ġerħa li saret fuq Philip Gatt kienet riżultat ta' difett li għandu Philip Gatt illi joħroġ id-demm malajr. Għal hekk din l-imputazzjoni ġiet ppruvata wkoll.

Id-difiża insistiet illi kien hemm provokazzjoni għal dawn iż-żewġ każi. L-ewwel nett l-imputat qal illi Rita Schembri kienet tagħtu daqqa bl-injama u hawn tela' jixhed wkoll Saviour Dalli illi qal li mar biex jieħu l-injama minn idejn Rita Schembri iżda ma rnexxielux. Fil-konfront ta' Philip Gatt, id-difiża qalet illi dan kien qed iċahhad lill-imputat milli jara lit-tifel tiegħu Charlton. Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taħsibx li dwar din it-tielet imputazzjoni hemm xi ġustifikazzjoni skond il-liġi għall-aġir ta' l-imputat. Il-liġi trid illi l-iskużanti jkunu interpretati b'mod dejjaq għaliex

hawn hekk si tratta ta’ l-ekwonomita ta’ persuna. Il-fatt illi l-kunjatu kien qed jaqla’ ostakli biex l-imputat jara lit-tifel Charlton ma jfissirx li kien hemm xi forma ta’ ġustifikazzjoni sabiex huwa jagħmel dik il-ferita fuq ras il-kunjatu tiegħu. Id-difiża qalet wkoll li ma kienx hemm l-intenzjoni illi jweġġgħu. Għall-Qorti din is-sottomissjoni ma tantx għandha għeruq għalilex mir-ritratti jidher illi d-daqqa ingħatat b’bieba ta’ l-aluminium u bil-bieba ta’ l-aluminium wieħed jista’ jimmaġina x’jista jkun qed jagħmel. Dwar id-difiża magħmula fil-konfront tat-tieni imputazzjoni, jiġifieri il-ġrieħi ħfief illi sofriet Rita Schembri, il-Qorti ssib il-verżjoni li ta l-imputat illi din kienet attakkatu b’biċċa injama kif sorretta mill-impjegat tiegħu stess, hija waħda attendibbli u għal hekk it-tieni imputazzjoni tara li għandha ġustifikazzjoni taht it-227(d) għaliex l-imputat eċċeda meta kien qed jagħmel is-self defence tiegħu.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 325(b)(1)(b), 221(1) tal-Kap 9, ssib lill-imputat ħati ta’ l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni bit-tielet imputazzjoni pero’ limitata bi skużanti taħt l-artikolu 227(b). Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis iċ-ċirkostanzi kollha, fosthom illi ħallas tal-ħsarat illi kienu saru kif wkoll tal-kwalifika tat-tieni imputazzjoni tal-provokazzjoni. Għaldaqstant flok tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni illi ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien 30 xahar millum. Il-Qorti qed twissi lill-imputat dwar l-importanza ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------